**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 12 ta' Novembru 2019

Rikors Kongunt Numru: 248/19 AL

**AB**

U

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu premettew:

1. Illi r-rikorrenti iżżewġu fis-27 t' Awwissu 1983 u minn dan iż-żwieġ kelljom tifel wieħed li jismu Andrea li illum huwa maġġorenni.

2. Illi fit-2 ta' Mejju 2002 il kontendenti infirdu minn xulxin billi kull parti marret tgħix separatament mill-oħra u ifformalizzaw is-separazzjoni personali tagħhom permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni

konsenswali li ġie ppublikat minn-nutar Sandro Schembri Adami- kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dokument “A”.

3. Illi ma hemm ebda prospett ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti;

4. Illi r-rikorrenti jħossu li għandhom jaqtgħu kull rabta minn ma’ xulxin u jixtiequ li jużufruwixxu ruħhom minn dak li jipprovdi is-subtitolu IV tat-Titolu 1 tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili (kif ġie emendat bl-effetti tal-Att XIV tas-sena 2011) u allura jiddivorzjaw minn xulxin b’mod li kull legam bejniethom jinqata’ darba għal dejjem.

5. Illi l-mara tiddikjara li r-raġel qatt ma ċaħadha u qatt ma naqasha mill-ħlas puntwali tal-manteniment li huwa obbligat iħallas lilha u dan ma għandha ebda dubbju illi huwa sejjer jibqa’ jagħmel dan, avolja jkunu divorzjati.

6. Illi l-parijiet huma it-tnejn residenti u domiċiljati hawn Malta.

Talbu lill-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-kontendenti għal raġunijiet fuq mogħtija u ċioe li ilhom jinsabu separati legalment għal aktar minn erba’ snin u peress li ma hemm ebda possibilita’ta’ rikonċiljazzjoni bejniethom u

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien stabbilit minn din il-Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku -kollox skond kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi bl-ispejjeż li jiġu sopportati unikament mir-raġel.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta’ Lulju, 2019;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-2 ta’ Mejju, 2002;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Terminu tal-Appell abbrevjat ghal erbat ijiem.